GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 14 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis 11 ta' Frar 2010, fil-5.30 pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji
   a) Petty Cash Jannar 2010
   b) Skeda ta' Hlas Jannar 2010
   c) Business Plan
   d) Financial Statements
5. MEUSAC;
6. Skips;
7. Tenders – Dawl tal-Grawnd
8. Suggerimenti mill-Kunsilliera.

GĦAXAQ

**1. <u>Minuti</u>**

Il-Minuti tas-Seduti Nru 12 u 13 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peres li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Attard.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**2. <u>Tagħrif mill-Minuti</u>**

Dwar item 2.25 tal-laqgha Nru. 11 li tirrigwarda li stedina li l-Kunsill ircieva minghand is-Sindku ta' Samokov il-Bulgarija ghal tlett persuni, is-Segretarju kitbet lis-Sindku ta' Samokov u dan ta' l-ahhar kiteb lura fejn qal li ha gost li l-\Kunsill laqgha li stedina u qalulna ukoll li jekk Marzu huwa zmien hazin ghall-Kunsill, is-Sinku ta'Samokov talab lill-Kunsill meta jkun l-ahjar zmien.

Dwar il-konferenza li saret fuq l-ambjent mill-Koperattivi f'Malta, li ghalija attendew is-Sindku u s-Sinjura Agius, is-Sindku qal li din kienet sabiex wiehed jibza ghar-rizorsi ta' l-ilma minhabba li l-ilma se jkun problema ghax fi ftit snin ohra l-ilma se jibda jkun mielaħ. Suggett iehor ziedet tghid is-Sinjura Agius kien is-separazzjoni ta' li skart minhabba li l-landfill qed timtela hafna u se tkun problema biex jinstab lok iehor fejn ser jintrema li skart.

Dwar il-laqgha li l-kunsill kien ser jghamel mal- MEPA, is-Segretarju qalet li dwar din il-laqgha baghatet email lill-Kunsillieri kollha u ma rcevietx risposta minghand il-kunsillieri ghajr minghand is-sur Abdilla u s-Sindku dwar meta tkun il-gurnata li jkunu jistghu jattendu. Is-Segretarju qalet li se tghamel appuntament iehor mas-Sur Buttigieg tal-MEPA.

**3. <u>Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u emails)</u>:-**

1. Mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rċevejna dwar l-obbligu li kull Kunsill Lokali għandhu sabiex kull sejħa għal Offerti u Kwotazzjonijiet trid tiġi ppublikat fil-Gazzetta ta'-Gvern skond Memo 70/2009.
   Irċevejna wkoll dvd fuq il-*Local Enterprise and Green Challenge Award*.
   Mingħand is-Sur Natalino Callus irċevejna ilment li qed isir ta' spiss mis-Sinjura Spiteri li toqgħod fi Triq l-Isparvier, fejn qed tgħid li l-borża l-griża ta' seprazzjoni mhux qed tinġabar kull ġimgħa kif suppost li jsir, fejn il-Kunsill informa lis-Sur Callus wara li ċċekja mal-kuntrattur li hu nnifsu qed imur jiġbor il-borża.

Mid-Dipartiment irċevejna wkoll dwar l-*European Summit of Local Government* li ser isir f'Barcellona bejn it-22 u l-24 ta' dan ix-xahar.

GĦAXAQ

Irċevejna wkoll Memo 19/2009 dwar Fondi għal Konferernzi Internazzjonali f'Malta.
Memo 20/2010 tittrata fuq ir-Rapport dwar l-Effiċenzja fejn f'dan il-perjodu Ħal Għaxaq ma ġiex spezzjonat.
Memo 21/2010 dwar Skema ta' Finanzjament għal Restawr ta' Postijiet Storċi żgħar.
Memo 22/2010 dwar ħruġ ta' *Bye-Laws* u Avviż bidu fis-seħħ.
Memo 23/2010 li tittrata dwar Avviżi tal-MEPA dwar Applikazzjonijiet ta' Żvilupp.
Memo 24/2010 dwar Regolamenti ta' l-2010 dwar Kumitat Amministrattivi għal Komunitajiet.
Memo 25/2010, dwar Kuntratt dwar Ġbir ta' Skart Domestiku Imħallat.
Memo 26/2010 li titratta Taxxa fuq l-*Allowance* lill-Kunsillieri.
Memo 27/2010 dwar Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali f'Lokalitajiet Żgħar.
Memo 28/2010 dwar Strateġija Nazzjonali dwar l-Immaniġġjar ta' l-Iskart.
Memo 29/2010 dwar Mistoqsijiet Parlamentari Nru. 13004 u 14503, fejn dawn ġew imwieġba.
Memo 30/2010 dwar Avviż Legali dwar il-Bord ta' Gvernanza.
Memo 31/2010 titratta dwar ir-Riforma fit-Trasport Pubbliku u l-Għoti ta' Kuntratti/Assenjazzjonijiet mill-Kunsilli Lokali għal Trasport Pubbliku bi Skeda, fejn din ġiet imwieġba.
Memo 32/2010 dwar Skema ta' Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li tul is-sena jilqgħu fihom
Attivitajiet fuq Skala Nazzjonali u li jkunu organizzati esklussivament mill-Gvern Ċentrali.

2. Mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rċevejna it-tagħrif kollhu dwar il-Laqgħa għas-Sindki u Viċi-Sindki li ser issir fis-26 u 27 ta' Frar, 2010, ġewwa Lukanda Radisson, San Ġiljan. Irċevejna wkoll dwar id-Diskorsi ta' Merħba li jsiru fil-Laqgħat.
Irċevejna dwar minn huma dawk il-Kunsilli membri fl-Assikurazzjoni tal-Flus 2010.
Irċevejna wkoll id-dokumenti dwar Konferenza Tas-Sindki.

3. Mill-Kumitat Konġunt irċevejna r-Rapport għax-xhur ta' Novembru w Diċembru, 2009.

4. Mill-A.D.T. irċevejna risposta dwar it-talba li kien għamel il-Kunsill minħabba *bollards* fi Triq N. Caruana Dingli fejn din ġiet aċċettata.
Irċevejna wkoll sabiex Triq Birżebbuġa issir *one-way* u li dħul għalija jsir biss minn Dawret Ħal Għaxaq fuq talba ta' xi residenti, fejn il-Kunsill intalab jagħti l-opinjoni tiegħu fuq dan il-każ. Il-Kunsill qabel li tintbaghat itra lill-Awtorita tat-Trasport fejn jintqal li l-Kunsill ma jsib ebda oggezzjoni jekk Triq Birzebbuga issir *one way* izda mhux id-dhul isir minn naha tal-Bypass izda minn naha ta' Triq Santa Marija.

5. Mill-M.E.P.A. rċevejna dwar Applikazzjonijiet Ġodda ta Żvilupp Nru. PA 4920/09 għal kostruzzjoni ta' garaxx *basement* u *maisonette* fi Triq W. Dalli u oħra bin-Nru. PA 5406/09 għal estensjoni ta' *maisonette* li diġa' hemm fi Triq il-Fejġel.

Irċevejna  applikazzjonijiet ġodda ta' żvilupp Nru. PA 5469/09 għal kostruzzjoni ta' garaxxijiet fi Triq ta' l-Iklin k/m Triq il-Merill.

GĦAXAQ

Applikazzjoni oħra taż-żvilupp bin-Nru. 05576/09 dwar bidla ta' dar residenzjali fi *playschool* fi Triq il-Gudja, fejn għal din l-applikazzjoni l-Kunsill bagħat petizzjoni li r-residenti ta' din l-akwata għamlu ħabba din l-applikazzjoni ( mhemuża l-petizzjoni)

Mill-MEPA talbu sabiex jiġi sottomess il-*Compliance Certificate* li jikkonċernaw it-*Toilets* u *Dressing Rooms* ta' Triq N. Caruana Dingli k/m Dawret Ħal Għaxaq sal- 1 ta' Marzu, 2010.

6. Mill-Kunsill Lokali ta' Wied il-Għajn talab, li jekk fil-lokalita' tagħna ser isiru xi tip ta' attivitaijiet b'konnessjoni mal-Karnival ser jinġieb grupp ta' 25 majorettes u żewġ leaders mis-Slovakja fejn hemm xi ħlas marbut għal dan il-għan jekk il-Kunsill ikunx imħajjar li jġib dan il-grupp.

7. Mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar dwar '*400th Anniversary Wignacourt Tower*'.

8. Mill-Għaqda Mużikali *Duke of Connaught's Own*, ta' B'Kara, fejn stiednu lill-Kunsill kollhu għal Kunċert Annwali Vokali u Strumentali.

9. Mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru rċevejna dwar il-kors li ser isir dwar l-użu ta' l-*internet u l-e- mail*, fejn ser jattendu s-Sindku E.Vassallo u l-Kunsillieri Agius u Attard fil-11 u 12 ta' Frar, 2010.
Irċevejna wkoll li ser isir laqgħa fid-9 ta' Frar,  dwar iż-żjara li ser jagħmel il-Papa f'Malta, li għaliha attendew is-Sindku u s-Segretraju Eżekuttiv.
Mingħand l-Onor. Segretarju Parlamentari Dr.Chris Said dwar il-Konferenza għas-Sindki li ser issir Għawdex mit-22 sa l-24 ta' April, 2010.

10. Mill-Uffiċċju ta' l-Onor. Segretarju Parlamentari, Dr. Jason Azzopardi fejn wieġeb l-ittra tagħna dwar *guardianship* ta' diversi toroq  f'Ħal Għaxaq, fejn qalilna li t-talba triq issir lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex jiġu devoluti lill-Kunsill.

11. Mingħand *Leon Promotions* fejn bagħatu l-programm għal jiem tal-Karnival.
Anness hem mil-Programm ta' l-14 ta' Frar, li ser jiġi organizzat mill-Kunsill Lokali Għaxaq.

12. Mingħand l-Ispettur Portelli fejn talab li ssir il-laqgħa ta' Frar, 2010. Is-Segretarju qalet li ser issir laqgha fis-17 ta' Frar 2010.

13. Mill-Green Mt dwar ġbir ta' skart separat minn ġewwa l-Kunsilli Lokali u wkoll dwar xi inzjattiva f'dan ir-rigward.

14. Mingħand il-*Horizons* infurmaw li niedu tlett kotba ġodda.

15. Irċevejna e-mail mingħand is-Sur Cassar fejn infurma lill-Kunsill li ppubblika ktieb bl-isem 'Żmien il-Ħsad", fejn dan qiegħed għal bejġħ bi prezz ta' € 5 u jekk jiġu ordnati xi kopji  jistgħu  jingħataw bi prezz speċjali ta ' € 4.50 il-wieħed.

16. Irċevejna e-mail, kopja, mingħand il-Perit Scicluna ta' *Schembri Infrastructers*, fejn jixtieq jikkonferma jekk Triq ir-Rebbiegħa u Triq il-Bwar x'se jsir eżatt bħala drenaġġ u minn ser iħallas għal dan ix-xogħol. Is-Sindku qal li cempel il-Perit tal-Kunsill dwar dan.

17. Mill-Għaqda Mużikali Santa Marija, irċevejna dwar xi ċaqliq ta' bozza.

18. Mingħand Mgr. Saliba, irċevejna lista dwar il-kotba ppubblikati minnhu u jekk il-Kunsill hux imħajjar jixtri.

19. Mingħand Din l-Art Ħelwa rċevejna stedina għal diskussjoni dwar '*Europe and Heritage*', li ser isir fit-18 ta' Frar, 2010, fis-6:00 p.m., il-Belt.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill :- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Intbagħatet e-mail kif ukoll ittra lis-Sindku Nikolov ta' Samakov fil-Bulgarija, fejn wrejna li l-Kunsill imħajjar sabiex isir xi tip ta' ġemellaġġ u wkoll sabiex delegazzjoni titla' hemmhekk fejn għal dan il-għan tlabna d-dati għal din iż-żjara. Ghal din l-ittra wieġbu li l-aħjar li d-delegazzjoni titla' matul ix-xahra ta' Marzu jekk le ninfurmawhom b'dati alternattivi.

b) Intbagħatet e-mail lill-Ms. Degiorgio ta' Faces dwar il-bus shelter li jinsab fil-Bypass u li l-Kunsill iddeċieda li jrid jitressaq fejn infurmajniha li xogħol biex dan ix-xogħol isir ġie aċċettat skond il-kwotazzjoni mibgħuta minn naħa tagħhom.

ċ) Intbagħatet e-mail lill-Airmalta u lill-MTA sabiex ngħarrfuhom li Ħal Għaxaq ma jinsabx fil-lista li normalment ikollhom it-turisti sabiex ikunu jistgħu jieqfu għal żjara fil-lokal. Is-Sindku qal li napplikaw ghal zewg parking bays l-ADT. Il-Kusill qabel.

d) Intbagħatet e-mail lill-Ispettur Mercieca fejn infurmajnih li l-Kunsill qed jagħmel talba għal żewġ Pulizija sabiex ikun stazzjonati hawn hekk fil-ġranet tal-Karnival u wkoll talba għal 20 *barrier* mill-14 sas-16 ta' Frar.

e) Intbagħatet e-mail lill-Arnold Sammut sabiex jipprovdi s-sistema tas-*sound* bejn l-14 u s-16 ta' Frar, 2010, fl-attivitajiet konnessi mal-Karnival.

**4. <u>Materji Finanzjarji</u>**

*4.1.1* *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Jannar u li kienu jammontaw għal €27.06. Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill.
Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Agius.

*4.1.2* *Skeda ta' Ħlas – Jannaru 2010*: Is-Segretarju poġġa fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Jannar 2010 u li jammontaw għal €13,791.55. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-ħlas u ġie sekondat mis-Sur Attard. Il-Kunsill qabel unanimament

4.1.3 *Financial Statements*: Il-Viċi-Sindku ipprezenta l-Istqarrijiet Finanzjarji li riedu jiġu approvati fil-laqgħa qabel l-Awditur jibda l-ħidma tiegħu.
Huwa ppropona li l-Financial Statements ikunu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju biex jintbagħatu lill-Awditur.
Issekonda il-Kunsillier Aattard u l-Kunsill qabel.

5. **MEUSAC**

Is-Sindku qal li l-laqgha li attenda ghaliha hu, flimkien mas-Sinjura Rose Agius u s-Sinjura Rita Said dwar il-fondi mill-UE, gew diskussi diversi suggetti fosthom, energija alternattiva, li jsiru postijiet li jistghu jżuru t-turisti kif ukoll li jistgha jsir progett b'*partnership* ma positijiet fi Sqallija. Is-Sindku qal li hu jixtieq li japplika mal-GAL biex ix-xahari jsir *recreational park*, jiftah xelters tal-gwerra biex jghamilhom b'mod li jattiraw it-turisti. Qal ukoll li jistghu isiru tours mar-rahal, isiru zjajar fil-kappelli u aktar. Is-Sindku zied jghid li jixtieq li japplika biex isiru solar panels li jiggeneraw elettriku li jkun jistgha jigi mghoddi lir-residenti.

Is-Sindku qal li kellem lil Mrs. Rita Said biex jara jekk ghandhiex interess li tiehu hsieb l-applikazzjonijiet u din ta' l-ahhar qalet li hi interessata.

Is-Sur Picco qal li meta Kunsilli japplikaw flimkien ikunu ser jigwadanjaw aktar nies u ghalhekk aktar ikun hemm cans li tiehu fondi.

Is-Sindku qal li dak kien li skop tal-GAL biex jghaqqad grupp kbir u japplika f'isimhom.

Is-Sinjura Agius qalet li nistghu napplikaw ghal fondi biex nghamlu affarijiet biex it-turistsi bhal snajja antiki, bhal skarpan, dak li jsin is-skieken jew nies tax-xama jghamlu xi snajja antiki. Is-Sinjura Agius semmiet ukoll Dar il-Bebbux fejn qalet li issa din id-dar suppost hija skjedata u sar qbil li tintbaghat ittra lill-Malta Heritage fejn jinghad li din id-dar ghandha aktar minn 100 sena u jehtieg li tkun skjedata. Semmiet ukoll it-Turretta.

Is-Sindku qal li hu jixtieq li anka jiftah *souvenir shop* u hwienet zghar ohra biex jiggeneraw in-negozju.

6. **Skips**

Dwar li skips, is-Sindku qal li hu jahseb li bi 30 skips inkunu nistghu naqdu ir-rahal, fejn hemm 2 skips bhalissa isir 1 biss u isir il-gbir ta' li skart organiku t-Tnejn, l-Erbgha, Hamis u Sibt u t-Tlieta u l-Gimgha jingabru l-boroz il-grizi ta' li skart separat. Qal ukoll li fi Triq Santa Marija u fil-Bypass mhux se jhalli skips.

Il-Vici Sindku qal li hu jibza li n-nies xorta jibqghu jitfghu li skart go li skips ghax issa hekk draw u jekk dawn ikunu mimlijin jitfghu li skart hdejhom. Qal ukoll li hu ma jaqbilx li fejn hemm zewg skips se tithalla wahda biss.


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

Is-Sur Picco qal li jkun jaqbel jekk inzidu il-Bring-in-Sites , filwaqt li s-Sinjura Agius qalet li jekk ir-rahal jinqasam fi tnejn, naha tal-Housing Estate jitpoggew li skips biss u ma jsirx gbir bli scammel u in-naha l-ohra jghaddi li scammel. Is-Sinjura Agius qalet ukoll li in-nies trid tispjegalhom x'materjal se jkun se jingabar u meta.

Is-Sindku qal li jekk ma jsirx skart separat mir-residenti li scammel qighed jigi imwaqqaf li jbattal jek ikollu matrjal li jista jigi riciklat. Qal li issa fir-rahal jizdiedu li skips tal-Greenpak u nhar ta' Tlieta u nhar ta' Gimgha tingabar il-borza il-griza.

Qal ukoll li jsir avviz ma' li skips biex ma jintefax skart tas-separazjoni f'li skips ta' li skart organiku. Is-Sindku ressaq il-lista ta' fejn se jkunu li skips. Il-Kusill qabel mal-lista ipprezentata.

Is-Sur Vassallo kompla jghid li n-nies ghandhom jidraw is-sistema f'dawn is-sentejn li gejjin ghax wara hemm il-hsieb li dawn li skips jitnehhew ukoll u jibqa li scammel biss.

Gie deciz mill-Kunsill li il-gbir ta' li skart bli scammel isir filghodu minhabba li anqas ikun hawn karozzi pparkjati fit-toroq.

Dwar il-gbir ta' li skart il-Kunsill qabel li ssir laqgha mar-residenti tal-lokal.

7. **<u>Tenders – Dawl tal-grawnd</u>**

Tenders prezentati kien hemm tlieta. Dawn kienu minghand Bajada Group, Whitefrost Ltd. u Eco Solutions Ltd.
Filwaqt li ir-rekwiziti li kienu mehtiega gew iccekkjati, il-Kunsill qabel li jittiehed parir tekniku minghand persuna teknika li ghandha gharfien ta' dan ix-xoghol.

8 **<u>Suggerimenti mill-Kunsilliera.</u>**

1. Il-Kunsillier Picco staqsa jekk fil-gnien li qieghed jghamel il-Kunsill tistax issir rampa ghaz-zghazagh li jipprattikaw li sport ta' li *skateboard.* Is-Sindku qal li l-pjanta tal-gnien diga saret izda il-quddiem il-Kunsill jipprova isib lok iehor fejn din tista issir.

2. Il-Kunsillier Attard qal li saret talba biex Triq Dar il-Bebbux issir "Residents Only". Il-Vici-Sindku qal li niktbu lill-Awtorita tat-Trasport dwar din it-talba. Il-Kunsill qabel.

3. Is-Sindku qal li hemm il-htiega li zewg spotlights li kien hemm mal-monument tal-31 ta' Marzu 1977 fil-gnien fejn sar il-grawnd jergghu jitwahhlu kif ukoll isir riflettur ma arblu jew faccata mal-hajt tar-razzett. Il-Kunsill qabel.

4. Is-Sindku qal li l-mera li nkisret Triq il-Pitirross terga tinbidel. Il-Kunsill qabel.

5. Is-Sindku qal li fl-attivitajiet li l-Kunsill ser jorganizza tal-karnival se jingieb compere, sound, kif ukoll private buses. Il-Kunsill qabel.

6. Is-Sindku qal li ser issir serata ta' Wine & Pizza ghat-tfal u kbar bil-kostumi tal-karnival u t-tfal li jippartecipaw se jinghataw rekordju. Il-Kunsill qabel.

7. Is-Sur Vassallo qal li fil-Bypass hdejn il-gnien tal-grawnd ser titpogga kamera. Qal ukoll li l-Kunsill ghandu sigar biex ihawwel hdejn il-grawnd izda qabel issir il-kamera dawn mhux ser jitwahhlu ghax jibza li jinsterqu. Il-Kunsill qabel.

8.Il-Kunsillier Attard qal li minhabba il-karnival il-kompetizzjoni tal-bocci twaqqfet ghal ftit zmien u xtaq li r-rebbeigha jigu prezentati t-Trophies f'Jum Hal Ghaxaq fejn min jirbah jigi misteiden ukoll ghar-riceviment ta' Jum Hal Ghaxaq. Il-Kunsill qabel.

9.Is-Sindku qal li gie avvicinat minn residenta f'Hal Ghaxaq is-Sinjura Paris biex izewgilha it-tifla d-dar taghha. Is-Sindku qal li ser jara x'hinu mehtieg biex dan isir u hu ser jaccetta.

**9. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fit-8.30 p.m. aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn 1 ta' Marzu 2010, fis-2.00pm

| | |
|---|---|
| **Emanuel Vassallo** | **Therese Xuereb** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermati:- it-Tnejn 1 ta' Marzu 2010 fis-2.00pm